REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1296

tat-28 ta' Lulju 2015

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 468/2010 li jistabbilixxi l-lista tal-UE ta' bastimenti involuti f'sajd illegali, mhux rappurtat u mhux regolat

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1936/2001 u (KE) Nru 601/2004 u li jirrevoka r-Regolamenti (KE) Nru 1093/94 u (KE) Nru 1447/1999 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 30 tiegħu,

Billi:

(1) Il-Kapitolu V tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008 jistabbilixxi proċeduri għall-identifikazzjoni ta' bastimenti tas-sajd involuti f'sajd illegali, mhux rappurtat u mhux regolat (bastimenti tas-sajd IUU) kif ukoll proċeduri għall-istabbiliment ta' lista tal-Unjoni ta' dawn il-bastimenti ("il-lista tal-Unjoni"). L-Artikolu 37 ta' dak ir-Regolament jipprovdi għat-teħid ta' azzjonijiet kontra bastimenti tas-sajd inklużi f'dik il-lista.

(2) Il-lista tal-Unjoni ġiet stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 468/2010 ([2]) u sussegwentement emendata bir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 724/2011 ([3]), (UE) Nru 1234/2012 ([4]), (UE) Nru 672/2013 ([5]) u (UE) Nru 137/2014 ([6]).

(3) Skont l-Artikolu 30(1) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008, bastimenti inklużi fil-listi ta' bastimenti IUU adottati mill-organizzazzjonijiet reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd għandhom ikunu inklużi fil-lista tal-Unjoni.

(4) L-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd kollha jipprovdu għat-twaqqif u l-aġġornament regolari tal-listi tal-bastimenti tal-IUU skont ir-regoli rispettivi tagħhom ([7]).

(5) Skont l-Artikolu 30 tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008, hekk kif jaslu l-listi tal-bastimenti tas-sajd meqjusa jew ikkonfermati bħala li huma involuti f'sajd illegali, mhux rappurtat u mhux regolat mingħand l-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd, il-Kummissjoni għandha taġġorna l-lista tal-Unjoni. Peress li l-Kummissjoni rċeviet listi ġodda mill-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd, il-lista tal-Unjoni issa għandha tiġi aġġornata.

(6) Meta jitqies li l-istess bastiment jista' jkun imniżżel taħt ismijiet u/jew bnadar differenti skont iż-żmien tal-inklużjoni tiegħu fil-listi tal-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd, il-lista aġġornata tal-Unjoni għandha tinkludi l-ismijiet u/jew il-bnadar differenti kif stabbiliti mill-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd rilevanti.

(7) Il-bastiment "Dolphin", li fil-preżent huwa inkluż fil-lista tal-Unjoni, tneħħa mil-listi stabbiliti mill-Kummissjoni tas-Sajd tal-Atlantiku tal-Grigal (NEAFC), l-Organizzazzjoni tas-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral (NAFO) u l-Organizzazzjoni tas-Sajd fix-Xlokk tal-Atlantiku (SEAFO), peress li kien ġie skrappjat. Dak il-bastiment għandu għalhekk jitneħħa mil-lista tal-Unjoni minkejja l-fatt li għadu ma tħassarx mil-lista stabbilita mill-Kummissjoni Ġenerali għas-Sajd fil-Mediterran (GFCM). Dan il-bastiment għandu jitqies bħala li tneħħa mil-lista tal-Unjoni sa mill-14 ta' Novembru 2014.

([1]) ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1.
([2]) ĠU L 131, 29.5.2010, p. 22.
([3]) ĠU L 194, 26.7.2011, p. 14.
([4]) ĠU L 350, 20.12.2012, p. 38.
([5]) ĠU L 193, 16.7.2013, p. 6.
([6]) ĠU L 43, 13.2.2014, p. 47.
([7]) L-aħħar aġġornamenti: CCAMLR: il-lista IUU 2014/2015 kif adottata fil-laqgħa annwali CCAMLR-XXXIII tal-20 ta' Ottubru-il-31 ta' Ottubru 2014; SEAFO: SEAFO jinkludi, fil-lista IUU tagħha, listi CCAMLR, NEAFC-B u NAFO (kif adottati fil-Kumitat ta' Konformità tagħha f'Diċembru tal-2014); ICCAT: il-lista IUU 2014 kif adottata fid-19-il Laqgħa Speċjali tal-Kummissjoni f'Novembru tal-2014 (Rakkomandazzjoni 11-18); IATTC: il-lista 2014 kif adottata fis-87 laqgħa tal-IATTC f'Lulju tal-2014; NEAFC: il-lista IUU B AM 2014 kif adottata fit-33 laqgħa annwali f'Novembru tal-2014; NAFO: il-lista 2014 kif adottata fis-36 laqgħa annwali f'Settembru tal-2014; WCPFC: il-lista tal-bastimenti IUU tad-WCPFC għall-2015, effettiva mit-3 ta' Frar 2015; IOTC: il-lista ta' bastimenti IUU tal-IOTC, approvata waqt it-18-il Sessjoni tal-IOTC f'Ġunju tal-2014; GFCM: il-lista IUU 2014 kif adottata fis-sessjoni annwali f'Mejju tal-2014; SPRFMO: Lista ta' bastimenti IUU kif adottata fit-tielet (3) laqgħa tal-Kummissjoni fi Frar tal-2015.

(8) Il-bastiment "Tiantai", li bħalissa huwa inkluż fil-lista tal-Unjoni, tneħħa mil-lista stabbilita mill-Kummissjoni għall-Konservazzjoni tar-Riżorsi Marittimi Ħajjin tal-Antartiku (CCAMLR), peress li għereq fiż-zona tas-CCAMLR. Dak il-bastiment għandu għalhekk jitneħħa mil-lista tal-Unjoni minkejja l-fatt li għadu ma tħassarx mil-lista stabbilita mill-Organizzazzjoni tas-Sajd tal-Atlantiku tax-Xlokk (SEAFO) u l-Kummissjoni Ġenerali għas-Sajd fil-Mediterran (GFCM). Dan il-bastiment għandu jitqies bħala mneħħi mil-lista tal-Unjoni sa mill-20 ta' Ottubru 2014.

(9) Ir-Regolament (UE) Nru 468/2010 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

(10) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar is-Sajd u l-Akkwakultura,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-Parti B tal-Anness tar-Regolament (KE) Nru 468/2010 tinbidel bit-test imniżżel fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Lulju 2015.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

Numru ([1]) ta' identifikazzjoni tal-bastiment tal-IMO/Referenza tal-RFMO	Isem il-bastiment (isem preċedenti) ([2])	L-Istat tal-Bandiera jew it-Territorju tal-Bandiera [skont l-RFMO] ([2])	Elenkat fl-RFMO ([2])
20060010 [ICCAT]	ACROS Nru 2	Mhux magħruf (l-aħħar bandiera magħrufa: il-Honduras)	ICCAT, GFCM
20060009 [ICCAT]	ACROS Nru 3	Mhux magħruf (l-aħħar bandiera magħrufa: il-Honduras)	ICCAT, GFCM
7306570	ALBORAN II (WHITE ENTERPRISE [NAFO/NEAFC]WHITE, ENTERPRISE, ENXEMBRE, ATALAYA, REDA IV, ATALAYA DEL SUR [SEAFO])	Mhux magħruf (l-aħħar bandieri magħrufa: il-Panama, Saint Kitts u Nevis) [NAFO, NEAFC, SEAFO]/ Panama [GFCM]	NEAFC, NAFO, SEAFO, GFCM
7424891	ALDABRA (OMOA I [CCAMLR, GFCM]/ OMOA 1 [SEAFO])	Mhux magħruf (l-aħħar bandieri magħrufa: it-Tanzania, il-Honduras) [CCAMLR]/Tanzania (bnadar preċedenti: Il-Honduras, it-Togo) [SEAFO]	CCAMLR, SEAFO, GFCM
7036345	AMORINN (ICEBERG II, LOME, NOEMI [CCAMLR, GFCM])	Mhux magħruf (l-aħħar bandieri magħrufa: it-Togo, il-Belize)	CCAMLR, SEAFO, GFCM
Mhux magħruf	ANEKA 228	Mhux magħruf	IOTC
Mhux magħruf	ANEKA 228; KM.	Mhux magħruf	IOTC
9179359	AURORA (PACIFIC CONQUEROR)	ir-Russja (l-aħħar bandiera magħrufa: Il-Perù)	SPRFMO
9037537	BAROON (LANA, ZEUS, TRITON I [CCAMLR])/LANA [SEAFO]/LANA (ZEUS, TRITON-1, KINSHO MARU No 18 [GFCM])	It-Tanzanija (il-bnadar preċedenti: in-Niġerja, il-Mongolja, it-Togo, is-Sierra Leone [CCAMLR])/Mhux magħruf [GFCM]	CCAMLR, SEAFO, GFCM
12290 [IATTC]/20110011 [ICCAT]	BHASKARA Nru 10	Mhux magħruf (l-aħħar bandiera magħrufa: l-Indoneżja)	IATTC, ICCAT, GFCM
12291 [IATTC]/20110012 [ICCAT]	BHASKARA Nru 9	Mhux magħruf (l-aħħar bandiera magħrufa: l-Indoneżja)	IATTC, ICCAT, GFCM
20060001 [ICCAT]	BIGEYE	Mhux magħruf	ICCAT, GFCM
20040005 [ICCAT]	BRAVO	Mhux magħruf	ICCAT, GFCM
9407 [IATTC]/20110013 [ICCAT]	CAMELOT	Mhux magħruf	IATTC, ICCAT, GFCM
6622642	CHALLENGE (PERSEVERANCE, MILA [CCAMLR]/MILA, ISLA, MONTANA CLARA, PERSEVERANCE [GFCM])	Mhux magħruf (l-aħħar bandieri magħrufa: il-Panama, il-Guinea Ekwatorjali, ir-Renju Unit) [CCAMLR]/il-Panama [GFCM]	CCAMLR, SEAFO, GFCM
125, 280020064 [IATTC]/ 20110014 [ICCAT]	CHIA HAO Nru 66	Mhux magħruf (l-aħħar bandiera magħrufa: il-Belize, il-Guinea Ekwatorjali)	IATTC, ICCAT, GFCM

Numru (1) ta' identifikazzjoni tal-bastiment tal-IMO/Referenza tal-RFMO	Isem il-bastiment (isem preċedenti) (2)	L-Istat tal-Bandiera jew it-Territorju tal-Bandiera [skont l-RFMO] (2)	Elenkat fl-RFMO (2)
Mhux magħruf	CHI TONG	Mhux magħruf	IOTC
7913622	DAMANZAIHAO (LAFAYETTE)	il-Perù (l-aħħar bandiera magħrufa: ir-Russja)	SPRFMO
20080001 u qabel AT000-GUI000002 [ICCAT]	DANIAA (CARLOS)	Mhux magħruf (l-aħħar bandiera magħrufa: Il-Guinea) [ICCAT]/il-Guinea [GFCM]	ICCAT, GFCM
6163 [IATTC]/20130005 [ICCAT]	DRAGON III	Mhux magħruf	IATTC, ICCAT, GFCM
8604668	EROS DOS (FURABOLOS)	Mhux magħruf (l-aħħar bandieri magħrufa: il-Panama, is-Seychelles) [NAFO, NEAFC, SEAFO]/il-Panama [GFCM]	NEAFC, NAFO, SEAFO, GFCM
Mhux magħruf	FU HSIANG FA 18	Mhux magħruf	IOTC
Mhux magħruf	FU HSIANG FA Nru 01	Mhux magħruf	IOTC
Mhux magħruf	FU HSIANG FA Nru 02	Mhux magħruf	IOTC
Mhux magħruf	FU HSIANG FA Nru 06	Mhux magħruf	IOTC
Mhux magħruf	FU HSIANG FA Nru 08	Mhux magħruf	IOTC
Mhux magħruf	FU HSIANG FA Nru 09	Mhux magħruf	IOTC
Mhux magħruf	FU HSIANG FA Nru 11	Mhux magħruf	IOTC
Mhux magħruf	FU HSIANG FA Nru 13	Mhux magħruf	IOTC
Mhux magħruf	FU HSIANG FA Nru 17	Mhux magħruf	IOTC
Mhux magħruf	FU HSIANG FA Nru 20	Mhux magħruf	IOTC
Mhux magħruf	FU HSIANG FA Nru 21	Mhux magħruf	IOTC
20130003 [ICCAT]	FU HSIANG FA No. 21 [ICCAT]/FU HSIANG FA [GFCM]	Mhux magħruf	IOTC, ICCAT, GFCM
Mhux magħruf	FU HSIANG FA Nru 23	Mhux magħruf	IOTC
Mhux magħruf	FU HSIANG FA Nru 26	Mhux magħruf	IOTC
Mhux magħruf	FU HSIANG FA Nru 30	Mhux magħruf	IOTC
7355662/20130001 [ICCAT]	FU LIEN Nru 1	Il-Georgia	WCPFC, ICCAT, GFCM
20130004 [ICCAT]	FULL RICH	Mhux magħruf (l-aħħar bandiera magħrufa: il-Belize [IOTC])	IOTC, ICCAT, GFCM

Numru (1) ta' identifikazzjoni tal-bastiment tal-IMO/Referenza tal-RFMO	Isem il-bastiment (isem preċedenti) (2)	L-Istat tal-Bandiera jew it-Territorju tal-Bandiera [skont l-RFMO] (2)	Elenkat fl-RFMO (2)
200800005 li qabel kien AT000LIB00041 [ICCAT]	GALA I (MANARA II/ROAGAN)	Mhux magħruf (l-aħħar bandieri magħrufa: il-Libja)	ICCAT, GFCM
6591 [IATTC]/20130006 [ICCAT]	GOIDAU RUEY Nru 1	Mhux magħruf (l-aħħar bandiera magħrufa: il-Panama)	IATTC, ICCAT, GFCM
7020126	GOOD HOPE (TOTO [CCAMLR, SEAFO]/SEA RANGER V, TOTO [GFCM])	In-Niġerja (il-bandiera preċedenti: Il-Belize [SEAFO])	CCAMLR, SEAFO, GFCM
6719419 [NEAFC, SEAFO]/ 6714919 [NAFO]	GORILERO (GRAN SOL)	Mhux magħruf (l-aħħar bandieri magħrufa: is-Sierra Leone, il-Panama [NAFO, NEAFC, GFCM])	NEAFC, NAFO, SEAFO, GFCM
2009003 [ICCAT]	GUNUAR MELYAN 21	Mhux magħruf	IOTC, ICCAT, GFCM
7322926	HEAVY SEA (DUERO, JULIUS, KETA, SHERPA UNO [CCAMLR])	Mhux magħruf (l-aħħar bandieri magħrufa: il-Panama, Saint Kitts u Nevis, il-Belize) [CCAMLR]/il-Panama (il-bandiera preċedenti:	CCAMLR, SEAFO, GFCM
201000004 [ICCAT]	HOOM XIANG 11 [ICCAT, GFCM]/ HOOM XIANG II [IOTC]	Mhux magħruf (l-aħħar bandiera magħrufa: il-Malasja)	IOTC, ICCAT, GFCM
Mhux magħruf	HOOM XIANG 101	Mhux magħruf (l-aħħar bandiera magħrufa: il-Malasja)	IOTC
Mhux magħruf	HOOM XIANG 103	Mhux magħruf (l-aħħar bandiera magħrufa: il-Malasja)	IOTC
Mhux magħruf	HOOM XIANG 105	Mhux magħruf (l-aħħar bandiera magħrufa: il-Malasja)	IOTC
7332218	IANNIS 1 [NEAFC]/IANNIS I [NAFO, SEAFO, GFCM] (MOANA MAR, CANOS DE MECA [GFCM])	Mhux magħruf (l-aħħar bandiera magħrufa: Panama [NEAFC, NAFO, SEAFO])	NEAFC, NAFO, SEAFO, GFCM
6803961	ITZIAR II (SEABULL 22, CARMELA, GOLD DRAGON, GOLDEN SUN, NOTRE DAME, MARE [CCAMLR, GFCM])	In-Niġerja (il-bnadar preċedenti: il-Mali, in-Niġerja, it-Togo, il-Guinea Ekwatorjali, il-Bolivja, in-Namibja [CCAMLR]) [CCAMLR]/Mali [GFCM]	CCAMLR, SEAFO, GFCM
9505 [IATTC]/20130007 [ICCAT]	JYI LIH 88	Mhux magħruf	IATTC, ICCAT, GFCM
Mhux magħruf	KIM SENG DENG 3	Il-Bolivja	IOTC
7905443	KOOSHA 4 (EGUZKIA [GFCM])	l-Iran	CCAMLR, SEAFO, GFCM
Mhux magħruf	KUANG HSING 127	Mhux magħruf	IOTC
Mhux magħruf	KUANG HSING 196	Mhux magħruf	IOTC

Numru (1) ta' identifikazzjoni tal-bastiment tal-IMO/Referenza tal-RFMO	Isem il-bastiment (isem preċedenti) (2)	L-Istat tal-Bandiera jew it-Territorju tal-Bandiera [skont l-RFMO] (2)	Elenkat fl-RFMO (2)
7322897	KUNLUN (TAISHAN, CHANG BAI, HOUGSHUI, HUANG HE 22, SIMA QIAN BARU 22, CORVUS, GALAXY, INA MAKA, BLACK MOON, RED MOON, EOLO, THULE, MAGNUS, DORITA [CCAMLR])/CHANG BAI [SEAFO]/HUANG HE 22 (SIMA QIAN BARU 22, DORITA, MAGNUS, THULE, EOLO, RED MOON, BLACK MOON, INA MAKA, GALAXY, CORVUS [GFCM])	il-Guinea Ekwatorjali (l-aħħar bandieri magħrufa: l-Indoneżja, it-Tanzanija, il-Korea ta' Fuq (DPRK), il-Panama, is-Sierra Leone, il-Guinea Ekwatorjali, Saint Vincent u l-Grenadini, l-Urugwaj) [CCAMLR]/ Tanżanja, Mhux magħruf [GFCM]	CCAMLR, SEAFO, GFCM, IOTC
20060007 (ICCAT)	LILA Nru 10	Mhux magħruf (l-aħħar bandiera magħrufa: il-Panama)	ICCAT, GFCM
7388267	LIMPOPO (ROSS, ALOS, LENA, CAP GEORGE [CCAMLR])	Mhux magħruf (l-aħħar bandieri magħrufa: it-Togo, il-Ghana, is-Seychelles, Franza [CCAMLR]/it-Togo, il-Ghana, is-Seychelles [GFCM])	CCAMLR, SEAFO, GFCM
Mhux magħruf	MAAN YIH HSING	Mhux magħruf	IOTC
20040007 [ICCAT]	MADURA 2	Mhux magħruf	ICCAT, GFCM
20040008 [ICCAT]	MADURA 3	Mhux magħruf	ICCAT, GFCM
7325746	MAINE (GUINESPA I, MAPOSA NOVENO [SEAFO])	Il-Guinea	NEAFC, NAFO, SEAFO, GFCM
20060002 [ICCAT]	MARIA	Mhux magħruf	ICCAT, GFCM
20060005 [ICCAT]	MELILLA Nru 101	Mhux magħruf (l-aħħar bandiera magħrufa: il-Panama)	ICCAT, GFCM
20060004 [ICCAT]	MELILLA Nru 103	Mhux magħruf (l-aħħar bandiera magħrufa: il-Panama)	ICCAT, GFCM
7385174	MURTOSA	Mhux magħruf (l-aħħar bandiera magħrufa: it-Togo [NAFO, NEAFC, SEAFO])	NEAFC, NAFO, SEAFO, GFCM
C-00545 [WCPFC, ICCAT]/ 14613 [IATTC]/20110003 [ICCAT]	NEPTUNE	Il-Georgia	IATTC, ICCAT, WCPFC, GFCM
20060003 [ICCAT]	101 GLORIA (GOLDEN LAKE)	Mhux magħruf (l-aħħar bandiera magħrufa: il-Panama)	ICCAT, GFCM
20060008 [ICCAT]	Nru 2 CHOYU	Mhux magħruf (l-aħħar bandiera magħrufa: il-Honduras)	ICCAT, GFCM
20060011 [ICCAT]	Nru 3 CHOYU	Mhux magħruf (l-aħħar bandiera magħrufa: il-Honduras)	ICCAT, GFCM

Numru ([1]) ta' identifikazzjoni tal-bastiment tal-IMO/Referenza tal-RFMO	Isem il-bastiment (isem preċedenti) ([2])	L-Istat tal-Bandiera jew it-Territorju tal-Bandiera [skont l-RFMO] ([2])	Elenkat fl-RFMO ([2])
20040006 [ICCAT]	OCEAN DIAMOND	Mhux magħruf	ICCAT, GFCM
7826233/20090001 [ICCAT]	OCEAN LION	Mhux magħruf (l-aħħar bandiera magħrufa: il-Guinea Ekwatorjali)	IOTC, ICCAT, GFCM
11369 [IATTC]/20130008 [ICCAT]	ORCA	Mhux magħruf (l-aħħar bandiera magħrufa: il-Belize)	IATTC, ICCAT, GFCM
20060012 [ICCAT]	ORIENTE Nru 7	Mhux magħruf (l-aħħar bandiera magħrufa: il-Honduras)	ICCAT, GFCM
5062479	PERLON (CHERNE, BIGARO, HOKING, SARGO, LUGALPESCA [CCAMLR, GFCM])	in-Niġerja (l-aħħar bandieri magħrufa: il-Mongolja, it-Togo, l-Urugwaj [CCAMLR]) [CCAMLR, SEAFO]/Mhux magħruf (l-aħħar bnadar magħrufa: l-Urugwaj, il-Mongolja, it-Togo [GFCM])	CCAMLR, SEAFO, GFCM
6607666	RAY (KILY, CONSTANT, TROPIC, ISLA GRACIOSA [CCAMLR]/KILLY, CONSTANT, TROPIC, ISLA GRACIOSA [NEAFC, SEAFO, GFCM])	Mhux magħruf (l-aħħar bandieri magħrufa: il-Belize, il-Mongolja, il-Guinea Ekwatorjali, l-Afrika t'Isfel) [CCAMLR]/il-Belize (il-bnadar preċedenti: l-Afrika t'Isfel, il-Guinea Ekwatorjali, il-Mongolja) [SEAFO, NEAFC]	CCAMLR, NEAFC, SEAFO, GFCM
95 [IATTC]/20130009 [ICCAT]	REYMAR 6	Mhux magħruf (l-aħħar bandiera magħrufa: il-Belize)	IATTC, ICCAT, GFCM
20130013 [ICCAT]	SAMUDERA PASIFIK Nru 18 (KAWIL Noru03, LADY VI-TI-III [ICCAT])	l-Indoneżja)	ICCAT, GFCM
Mhux magħruf	SAMUDERA PERKASA 11	Mhux magħruf	IOTC
Mhux magħruf	SAMUDRA PERKASA 12	Mhux magħruf	IOTC
200800004 li qabel kien AT000LIB00039 [ICCAT]	SHARON 1 (MANARA 1, POSEIDON)	Mhux magħruf (l-aħħar bandieri magħrufa: il-Libja)	ICCAT, GFCM
Mhux magħruf	SHUEN SIANG	Mhux magħruf	IOTC
Mhux magħruf	SIN SHUN FA 6	Mhux magħruf	IOTC
Mhux magħruf	SIN SHUN FA 67	Mhux magħruf	IOTC
Mhux magħruf	SIN SHUN FA 8	Mhux magħruf	IOTC
Mhux magħruf	SIN SHUN FA 9	Mhux magħruf	IOTC
9319856	SONGHUA (YUNNAN, NIHEWAN, HUIQUAN, WUTAISHAN ANHUI 44, YANGZI HUA 44, TROSKY, PALOMA V [CCAMLR])/NIHEWAN [SEAFO]/ HUIQUAN [GFCM]	il-Guinea Ekwatorjali (l-aħħar bandieri magħrufa: it-Tanzanija, il-Mongolja, in-Namibja, l-Urugwaj)/ Mhux magħruf (l-aħħar bandiera magħrufa: il-Guinea Ekwatorjali) [IOTC]/it-Tanzanija [GFCM]	CCAMLR, SEAFO, GFCM, IOTC

Numru ([1]) ta' identifikazzjoni tal-bastiment tal-IMO/Referenza tal-RFMO	Isem il-bastiment (isem preċedenti) ([2])	L-Istat tal-Bandiera jew it-Territorju tal-Bandiera [skont l-RFMO] ([2])	Elenkat fl-RFMO ([2])
20050001 [ICCAT]	SOUTHERN STAR 136 (HSIANG CHANG)	Mhux magħruf (l-aħħar bandiera magħrufa: St. Vincent u l-Grenadini)	ICCAT, GFCM
Mhux magħruf	SRI FU FA 168	Mhux magħruf	IOTC
Mhux magħruf	SRI FU FA 18	Mhux magħruf	IOTC
Mhux magħruf	SRI FU FA 188	Mhux magħruf	IOTC
Mhux magħruf	SRI FU FA 189	Mhux magħruf	IOTC
Mhux magħruf	SRI FU FA 286	Mhux magħruf	IOTC
Mhux magħruf	SRI FU FA 67	Mhux magħruf	IOTC
Mhux magħruf	SRI FU FA 888	Mhux magħruf	IOTC
9405 [IATTC]/20130010 [ICCAT]	TA FU 1	Mhux magħruf	IATTC, ICCAT, GFCM
6818930	TCHAW (REX, CONDOR, INCA, VIKING, CISNE AZUL [CCAMLR])	Mhux magħruf (l-aħħar bandieri magħrufa: It-Togo, il-Belize, is-Seychelles) [CCAMLR, GFCM]	CCAMLR, SEAFO, GFCM
13568 [IATTC]/20130011 [ICCAT]	TCHING YE Nru 6 (EL DIRIA I)	Mhux magħruf (l-aħħar bandieri magħrufa: il-Belize, il-Costa Rica)	IATTC, ICCAT, GFCM
6905408	THUNDER (WUHAN Nru 4, KUKO, TYPHOON I, RUBIN, ARCTIC RANGER [CCAMLR]/ARCTIC RANGER, RUBIN, TYPHOON-I, KUKO [GFCM])	Mhux magħruf (il-bnadar preċedenti: Il-Mongolja, it-Togo, is-Seychelles, ir-Renju Unit [CCAMLR])	CCAMLR, SEAFO, GFCM
Mhux magħruf	TIAN LUNG NO.12	Mhux magħruf	IOTC
7321374	TRINITY (ENXEMBRE, YUCATAN BASIN, FONTENOVA, JAWHARA [NEAFC, NAFO, SEAFO])	Mhux magħruf (il-bnadar preċedenti: il-Panama, il-Marokk [NEAFC, NAFO, SEAFO])	NEAFC, NAFO, SEAFO, GFCM
8713392	VIKING (OCTOPUS I, BERBER, SNAKE, OCTOPUS I, PION, THE BIRD, CHU LIM, YIN PENG, THOR 33, ULYSES, GALE, SOUTH BOY, PISCIS) [CCAMLR, SEAFO]/OCTOPUS 1 (PISCIS, SOUTH BOY, GALE, ULYSES, THOR 33, YIN PENG, CHU LIM, THE BIRD, PION) [GFCM]	in-Niġerja (l-aħħar bandieri magħrufa: is-Sierra Leone, il-Libja, il-Mongolja, il-Honduras, il-Korea ta' Fuq (DPRK), il-Guinea Ekwatorjali, l-Urugwaj [CCAMLR]) [CCAMLR, SEAFO]/il-Mongolja [GFCM]	CCAMLR, SEAFO, GFCM
8994295/129 [IATTC] 20130012 [ICCAT]	WEN TENG Nru 688 (MAHKOIA ABADI Nru 196)	Mhux magħruf (l-aħħar bandiera magħrufa: il-Belize)	IATTC, ICCAT, GFCM

Numru ([1]) ta' identifikazzjoni tal-bastiment tal-IMO/Referenza tal-RFMO	Isem il-bastiment (isem preċedenti) ([2])	L-Istat tal-Bandiera jew it-Territorju tal-Bandiera [skont l-RFMO] ([2])	Elenkat fl-RFMO ([2])
Mhux magħruf	Il-Bolivja	Il-Bolivja	IOTC
Mhux magħruf	YI HONG 116	Il-Bolivja	IOTC
Mhux magħruf	YI HONG 16	Mhux magħruf	IOTC
Mhux magħruf	YI HONG 3	Mhux magħruf	IOTC
Mhux magħruf	YI HONG 6	Il-Bolivja	IOTC
9042001	YONGDING (CHENGDU, JIANGFENG, SHAANXI HENAN 33, XIONG NU BARU 33, DRACO I, LIBERTY, CHILBO SAN 33, HAMMER, SEO YANG No 88, CARRAN [CCAMLR]/CHENGDU [SEAFO]/SHAANXI HENAN 33 (XIONG NU BARU 33, LIBERTY, CHILBO SAN 33, HAMMER, CARRAN, DRACO-1) [GFCM]	il-Guinea Ekwatorjali (l-aħħar bandieri magħrufa: l-Indoneżja, it-Tanzanija, il-Panama, is-Sierra Leone, il-Korea ta' Fuq (DPRK), it-Togo, ir-Repubblika tal-Korea, l-Urugwaj) [CCAMLR]/it-Tanżanja [GFCM]	CCAMLR, SEAFO, GFCM, IOTC
20130002 [ICCAT]	YU FONG 168	It-Taipei Ċiniża/Mhux magħruf [IOTC]	WCPFC, ICCAT, GFCM, IOTC
2009002 [ICCAT]	YU MAAN WON	Mhux magħruf (l-aħħar bandiera magħrufa: il-Georgia)	IOTC, ICCAT, GFCM
20140001 [ICCAT]/15579 [IATTC]	XIN SHI JI 16	Il-Fiġi	ICCAT, IATTC

([1]) Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali.
([2]) Għal kwalunkwe tagħrif iehor ikkonsulta s-siti tal-Internet tal-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd (RFMOs).